L-Imsida

It-Tnejn 30 ta’Settembru 2019.

# It-Tmien LEĠISLATURA
# Laqgħa Pubblika tal-Kunsill Lokali l-Imsida
# Diskussjoni Programm ta’Ħidma.

## Introduzzjoni

Is-Seba’ leġislatura waslet fi tmiem tagħha fit-30 ta'Ġunju 2019, għalhekk insellem lil dawk il-kunsilliera kollha li mill-ewwel leġislatura taw il kontribut tagħhom b’ diversi xogħolijiet u inizjattivi b’ risq il-komunità ġewwa l-Imsida u s- Swatar . It-tmien leġislatura tal-Kunsill lokali L-Imsida bdiet fl' 1 ta'Lulju 2019 u ssejħet l-ewwel seduta tal-leġislatura.

- Margaret Baldacchino Cefai
- Romina Galea
- Jean Claude Borg
- Nicholas Joseph Chircop
- Emanuel Brincat
- Charles Selvaggi
- Maurice Agius
- Alfred Farrugia
- Judy Sciberras

Huma d-disgħa membri eletti tal-kunsill fejn fil-preżenza ta' Dr Amanda Marie Cini, is-Sinjuri Margaret Baldacchino Cefai u Romina Galea aċċettaw il-kariga u ħadu l-Ġurament ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament waqt l-ewwel seduta.

## Responsabbiltajiet tal- Kunsilliera

It-Tlieta  9 ta' Lulju 2019 saret it-tieni seduta fejn is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai assenjat ir-responsabbiltajiet lil kunsilliera kif elenkati KAP: 363 (Att dwar il- Gvern Lokali) fl-Erbatax-il Skeda (33A.1) u oħrajn skont il-bżonnijiet tal-lokalita’ (33A.3).

**Indafa / Servizzi / Integrazzjoni / Komunitajiet** (Margaret Baldacchino Cefai)

- Jiġi provdut il-knis u miżmuma fi stat tajjeb ta'ndafa toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill
- Qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal- Kunsill
- Tindif u ħasil ta' toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill
- Il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart
- Iż-żamma tal-indafa ,u l-manutenzjoni tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju għall-ġbir ta' skart fit-toroq u taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti
- Tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex il-Kunsill jassigura maniġġjar tajjeb tal-iskart
- Tieħu ħsieb biex il-kunsill bħala parti minn skema nazzjonali jamministra libreriji lokali u tara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;
- Tieħu ħsieb biex il-kunsill ikun jista' jidħol f'arranġamenti biex jaqdi kull funzjoni oħra li tkun delegata lilu mill-Gvern permezz tal-Ministru bil-pubblikazzjoni ta' ordni fil-Gazzetta;
- Flimkien mal-kunsillier responsabbli tieħu ħsieb biex tagħmel dak li hemm bżonn biex il-kunsill ikollu rappreżentanza ta'residenti biex ikun jista' jaqdi aħjar lil Komunità tas-Swatar.
- Tieħu ħsieb relazzjonijiet u koordinazzjoni biex il-kunsill ikun jista' jidħol f'arranġamenti ma NGO's, għaqdiet u Entitajiet relatati.

**Anzjani** (Romina Galea)

- Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali l Kunsill jipprovdi flimkien ma' kull awtorità kompetenti għat-twaqqif, żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjani
- Tieħu ħsieb attivitajiet għall-anzjani
- Tieħu ħsieb attivitajiet relatati ma' għeluq is-snin għall- anzjani
- Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali jew tipproponi biex il- Kunsill jipprovdi flimkien ma' kull awtorità kompetenti inizjattivi ġodda għall-servizzi li jistgħu jgħinu lill-anzjani
- Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali jew tipproponi biex l-Kunsill jipprovdi sessjonijiet ta' informazzjoni flimkien ma' kull awtorità kompetenti dwar servizzi jew affarijiet oħra li jistgħu jkunu ta interess jew jgħinu lill-anzjani
- Tieħu ħsieb fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni biex tagħmel kull koordinazzjoni biex Il-Kunsill jaħdem mal- anzjani.
- Tieħu ħsieb taħdem mill-qrib mal-Għaqdiet tan-nanniet.

**Kultura / Dawl ta'Toroq** (Jean Claude Borg)

- Jieħu ħsieb flimkien mal-kunsillier responsabbli minn attivitajiet sportivi ħalli jitjiebu r-relazzjonijiet u issiru laqgħat ta' kordinazzjoni bil-għan li jinżamm kalendarju kulturali u sportiv aġġornat bejn l-għaqdiet u l-kunsill.
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali u għalhekk jieħu dawk l-inizjattivi neċessarji flimkien mal-kunsilliera responsabbli sabiex iħarsu l-wirt storiku
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali permezz ta ' dawk l-inizjattivi neċessarji sabiex iħarsu l-wirt kulturali tal-lokal.
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali permezz ta' dawk l-inizjattivi neċessarji relatata ma'tradizzjonijiet u l-folklor tal-lokal;
- fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jagħti għajnuna lill-artisti mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom;
- fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jagħti għajnuna lill-mużiċisti mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom;
- fil-qafas ta' regolamenti jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jorganizza attivitajiet kulturali li jippromwovu l-lokalita b'kull mod;
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni d-dawl fit-toroq tal-lokalita.
- li jipproponi u jikkordina fejn hemm bżonn ssir aktar dawl fil-lokalita'.

**Sports / Attivitajiet fiżiċi / Zghazagh / tfal** (Nicholas Joseph Chircop)

- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel u jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni play grounds tat-tfal u jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;
- fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru, jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il- kunsill jagħti għajnuna lill-sportivi mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom.
- bi ftehim mal-awtoritajiet edukattivi jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel l-aħjar użu tal-faċilitajiet li jeżistu fl-iskejjel fil-lokalit'a wara l-ħin normali tal-iskola, bħal faċilitajiet sportivi,
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jorganizza attivitajiet sportivi jew fiżiċi għar-residenti ta' kull età li normalment ma jsirux mill-għaqdiet sportivi tal-lokal.

- Jieħu ħsieb jipproponi biex fejn hu possibbli l-kunsill jipprovdi faċilitajiet sportivi tajbin
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi protezzjoni għat-tfal tal-iskola fil-viċinanza tal-iskejjel
- Jieħu ħsieb flimkien mal-kunsillier responsabbli għall- kultura ħalli jitjiebui r-relazzjonijiet u ssiru laqgħat ta' kordinazzjoni bil-għan li jinżamm kalendarju kulturali u sportiv aġġornat bejn l-għaqdiet u l-kunsill.

**Infrastruttura / Proġetti / Siti ta kostruzzjoni / Traffiku / Għajn tal-Ħasselin / Monument GWU / Komunità Swatar.**(Emanuel Brincat)

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni jew it-titjib tal-istess toroq Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi

- tiswija ta'rqajja f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal -Kunsill
- kisi mill-ġdid tal-wiċċ f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal- Kunsill iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni ta' triq.
- Jipproponi miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' toroq lokali fil-lokalita',
- Jipproponi miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' żoni pedonali fil-lokalita',
- Jipproponi miżuri relatati mal-Manutenzjoni u t-tiswija ta' żoni ta' parkeġġ fil-lokalita',
- B'konsultazzjoni mal-kunsill u flimkien mas-Sindku jew b'delega mis-Sindku jieħu ħsieb jagħmel rakkomandazzjonijiet lil kwalunkwe awtorità kompetenti jew aġenzija għal jew fir-rigward ta' kwalunkwe skema tal-ippjanar jew ta' bini.
- Josserva u jipproponi fil-konfini ta' kull pjan nazzjonali, li joħroġ linji ta' gwida li għandhom jitħarsu biex

a. tinżamm fi stat tajjeb,

b. tkun restawrata,

c. iddisinjata

d. mibdula

2. l-faċċata ta' kull bini jew bini ieħor jew kull parti minn bini li normalment tkun tidher mit-triq u l-materjal użat, reklami u faċċati ta' ħwienet,

- Jieħu ħsieb jipproponi biex il-kunsill jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali stradali skont standards nazzjonali u internazzjonali f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal- Kunsill

- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi tindif ta' sinjali stradali
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi tindif ta' dwal stradali,
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni ta' miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' sinjali stradali fil-lokalita,
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni ta' miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' marki stradali fil-lokalita,
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni għall-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' xelter tal-linja skont standards u speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti għat-trasport fil-lokalita
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal-entitajiet biex il-kunsill ikun jista' jipprovdi żoni pedonali
- Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal-entitajiet biex il-kunsill ikun jista' jipprovdi parkeġġ
- Flimkien mas-Sindku jew b'delega mis-Sindku jieħu ħsieb il-koordinazzjoni ta' proposti mill kunsill u fejn applikabbli kull konsultazzjoni minn kwalunkwe awtorità kompetenti jew aġenzija mal-kunsill qabel ma l-awtorità kompetenti jew aġenzija jwettqu xi tibdil fl-iskemi tat-traffiku li jkunu jaffettwaw direttament lil-lokalita;
- Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal-entitajiet biex il-kunsill ikun jista' iżomm dixxiplina fejn ikun hemm ksur tar-regolamenti tal-bini
- Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal-iżviluppatur u kuntratturi għall- permessi relatati mal-bini.
- Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv biex jagħmel koordinazzjoni mal-i żviluppaturi u kuntratturi biex issiru spezzjonijiet tal-bankini u toroq qabel ma jkunu awtorizzat il-ħlas lura tal-garanzija ma' permessi relatati mal-bini.
- Flimkien mal-kunsilliera responsabbli jieħu ħsieb biex jagħmel dak li hemm bżonn biex il-kunsill jaqdi aħjar lil-Komunità tas-Swatar.

**Innovazzjoni / Ħarsien tal-annimali** (Charles Selvaggi)

- Jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-Kunsill jippromovi politika imprenditorjali fejn il-Kunsill jara li jqarreb lejn xulxin l-interessi tas-sidien tan-negozji

- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jara kif joħloq attivitajiet fejn jippromovi aktar kummerċ fil-lokalita tiegħu
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex Il-Kunsill jara kif jiffaċilita kull proċedura tal-Kunsill biex l-attività kummerċjali taħdem b'inqas burokrazija u tkun megħjuna ittejjeb il-kwalità tas-servizz tagħha lil-konsumaturi;
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill joħloq organizzazzjoni u upkeep taz-zoni eżistenti tal-qtates
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jieħu miżuri skond il-liġi għall- kontroll tal-ħamiem u tajr ieħor
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel zoni addattati għal- ħruġ tal-klieb.
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel Dog bins fejn hemm l-aktar bżonn.
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel introduzzjoni ta' servizzi relatati

**Qassam Soċjali / Persuni B'diżabilità.**(Maurice Agius)

Fil-każ ta' bini miftuħ għall-pubbliku, flimkien mal-kunsillier responsabbli jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;

- Fil-każ ta' bankini u toroq u postijiet pubbliċi , flimkien mal-kunsilliera responsabbli jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;
- Fil-każ ta' bżonnijiet u permessi speċjali fit-toroq , flimkien mal-kunsillier responsabbli jagħmel kordinazzjoni mal-Amministrazzjoni u jara li dawn ikunu approvat mill-awtorità kompetenti.
- fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni, jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsilli jippromwovi inizzjattivi ta' politika soċjali fil-lokalita' .
- fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jaħdem ma' persuni bi bżonnijiet speċjali
- fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jaħdem ma' persuni bi problemi ta' saħħa mentali
- fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jaħdem jew jippromwovi għall aktar servizzi ta'kura fil-komunità.
- fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jaħdem fuq inizjattivi fil-qasam tal-kura preventiva.
- Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jgħin liċ-ċittadini billi jipprovdi, meta applikabbli, flimkien ma' xi awtorità kompetenti,
- tagħrif dwar il-jeddijiet taċ-ċittadini b'mod ġenerali,
- magħdud tagħrif dwar jeddijiet tal-konsumatur,

a. trasport,

b. komunikazzjonijiet,

c. faċilitajiet ta’ turiżmu,

d. taxxi,

e. sigurtà soċjali,

f. saħħa pubblika

g. ħwejjeġ oħra ta’ siwi u interess pubbliku;

**Ambjent / Dawl ta'Ġonna , Manutenzjoni ta’Ġonna , Funtani, Bust u Monumenti / Postijiet pubbliċi.**(Alfred Farrugia)

- Il-ġbir u t-tneħħija ta’ kull skart minn ġonna u postijiet pubbliċi.
- Il-knis u t-tindif ta’ kull skart minn ġonna u postijiet pubbliċi.
- Iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni tal-bramel taż-żibel u ta’ reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju għall-ġbir ta’ skart go ġonna u postijiet pubbliċi u jkun aċċertat li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti.
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni il ġonna u zoni oħra pubbliċi u biex meta jkun hemm bżonn jitħawlu il- pjanti u siġar go Central strips ,Round about , bankini , Monument tal ħaddiema u fejn jista’ jkun hemm aktar bżonn ta’ tisbieh. Sa fejn hu possibbli dawn għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti.
- Li josserva u jipproponi miżuri biex l-ambjent naturali u urbana tal-lokalita jkun imħares.
- li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex ikun hemm użu aktar effiċjenti tal-enerġija,
- li ikun hemm inizjattivi biex issiru proposti u implimentazzjoni ta miżuri għat-tħaris tal-klima.
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta 'manutenzjoni id-dawl fil ġonna u l-postijiet pubbliċi.

**Edukazzjoni** (Judy Sciberras)

- Tieħu ħsieb fil-kuntest ta’ pjan nazzjonali ta’ azzjoni jew tipproponi u tagħmel koordinazzjoni ta' ħidma fejn Il-Kunsill ikun jista' jgħin jew jaħdem viċin ma’ għaqdiet kompetenti li jieħdu ħsieb tfal u żgħażagħ bi problemi ta’ litteriżmu

- Tieħu ħsieb tagħmel koordinazzjoni u ħidma għall inizjattivi bi ftehim biex il-kunsill ikun jista' jaħdem fuq il-kunċett ta’ life-long learning joffri servizzi għal dan il-għan fil-lokalita stess għar - residenti kollha, speċjalment dawk adulti u anzjani.

**Rappreżentanza Regjun.**

- Margaret Baldacchino Cefai
- Romina Galea.

## Kumitati

Biex jassistu lil-kunsill Lokali L-Imsida fil-funzjonijiet tiegħu ġew imwaqqfa

**Kumitat Finanzi (Skond l-att)**

- Margaret Baldacchino Cefai
- Charles Selvaggi
- Accountant
- Segretarju Eżekuttiv
- Joe DeMarco

**Bord għall evalwazzjoni ta’sejħiet pubbliċi.**

- Margaret Baldacchino Cefai
- Charles Selvaggi
- Nicholas Joseph Chircop.
- Kunsillier responsabbli għas-Suġġett
- Skond l-esiġenza.
- Espert fis-suġġett Estern.
- Avukat.
- Awditur.

**Nota** : Ma dawn jista’ jkun hemm il-ħtieġa ta' kumitati oħra ffurmati min Kunsillier li huwa għandu jippresjedi (25.5), sabiex jaħdem f’dak il-qasam speċifiku ta'responsabiltà delegata mis-Sindku. F’dak il-każ il-membri ta’dak il-kumitat l-ewwel jiġu approvati mill-Kunsill qabel ma jibdew bil-ħidma tagħhom skond l-ordnijiet ta'xogħol speċifikati mill- att.

## Sfidi.

Bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Imsida kellu matul is-snin, xorta saru passi kbar il-quddiem minkejja l-sfidi li għandha din il-lokalita’. L-għan ewlieni ta' kull kunsillier huwa li jirsisti b'rieda tajba

,onesta , determinazzjoni u b'mod kollettiv ma sħabu sabiex r-residenti tal-lokalita' igawdu aktar minn titjieb, il-manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra permessi fil -qafas tal-funzjonijiet tal-Gvern lokali.

Ir-riforma li saret fil-liġi tal- Kunsilli Lokali kienet biex twassal għall- Kunsill Lokali b'aktar funzjonijiet u responsabiltà' aġġornati mal-bżonnijiet tal- llum. Iżda dan ma jistax ikun possibbli jekk ma jkunx hemm aktar parteċipazzjoni attiva' mir-residenti tal-lokalita' li ta' kuljum qed jaraw l-Imsida tikber ,tinbidel u tħabbat wiċċa ma' sfidi akbar. Għalhekk il-kunsill lokali beda jaħdem u qed jagħti prijorità permezz ta'proposti għall -dan il-pjan ta' ħidma biex ikompli jindirizza dawn l-isfidi.

Bla dubju waħda mill-akbar sfidi hija l-permessi għall żvilupp ta' bini li dejjem qed jikber, u l- problemi li dan iġġib miegħu. Problemi oħra li ġejjin minn dan l-żvilupp huwa in-nuqqas ta' dixxiplina, minn xi wħud mill- kuntratturi jew l-impjegati tagħhom meta jonqsu li jirrispettaw ir-regolamenti tal-bini.

Dan l- iżvilupp qed iwassal, għall aktar bejgħ jew kiri ta' propjetà' li wkoll twassal għal- numru akbar ta' residenti lokali u oħrajn barranin li għall diversi raġunijiet jiġu jgħixu ġo l-Imsida, fejn anke dawn jibdew igawdu mis-servizzi offruti mill- Kunsill Lokal. Dan qed issarraf wkoll għall domanda akbar fi' ġbir ta' l-skart. Kull sena l-Kunsill Lokali tal-Imsida, għadu qed jiffaċċja n- nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart, u numru ta abbużi oħra. Dan dejjem qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor, qed jibqgħu barra fit-toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene kif ukoll għad-dehra ta' din il-Lokalita'.

Sfida oħra marbuta ma' żvilupp u tkabbir hija is-sitwazzjoni ta' toroq lokali li ma jifilħux għall numru ta' traffiku , inġenji tqal u tqegħid ta'servizzi ġodda biex jagħmlu tajjeb għall bżonnijiet tal-bini li għamlu ħerba matul is-snin. Il-Kunsill Lokali se jkompli jħaddem biex tingħata' il-preċedenza għall kostruzzjoni jew tiswija tat-toroq mill-Infrastruttura Malta.

Matul is-snin il-Kunsill Lokali organizza ,ħa sehem u pparteċipa' f'bosta attivitajiet u nnizjattivi kemm soċjali ,kulturali u edukattivi ma' diversi għaqdiet ,NGO's u l-awtoritajiet għas-sigurtà' fost oħrajn. Hemm bosta proposti biex dan jkompli jsir matul din il-leġislatura fejn fost oħrajn hemm pjanijiet għall parteċipazzjoni, aktar miftuħa fejn tidħol l-Inklużjoni, servizzi ta'tagħlim, aktar aċċess għall nies b bżonnijiet speċjali ,sport u kultura. Ma dawn hemm proposti oħrajn bħal miżuri leġislattivi biex ikun jista' jindirizza abbużi li jwassal għall skomdu u biża fost ir-residenti.

## Tfassil għall pjan ta Ħidma.

Il-kunsilliera għamlu ħidma preliminari u bdew jfasslu numru ta' proposti li huma konformi mal-funzjonijiet tal-kunsill lokali hawn fuq msemmija, biex ikunu kunsidrati għall -programm ta'xogħol ta' din il-leġislatura

Ċertu responsabiltajiet huma relatati għalhekk il-kunsilliera għamlu diskussjoni dwar numru ta'proposti li jistgħu jiġu inklużi u preżentati għall pjan ta'ħidma waqt is-Seduta L8-4 ta' 26 ta'Awissu.

## Skop għall laqgħa pubblika.

Din il-laqgħa pubblika qed tissejjah f'għeluq it-tliet xhur mill-bidu tal-operat ta' leġislatura skond artiklu (3 a) tal-Att, Biex filwaqt li jiġu preżentati numru ta' proposti msemmija aktar il quddiem , tkun qed ssir konsultazzjoni mar-residenti li jistgħu jipparteċipaw u jippreżentaw anke il-proposti tagħhom għall kunsiderazzjoni u tfassil ta' Pjan ta' Ħidma li jkun fil -qafas tal-funzjonijiet tal-kunsill lokali u jilħaq l-asspettativi tar-residenti.

## Proposti.

1. Aktar faċilitajiet biex jitqassmu WasteServ bins
2. Tabelli li jinkludu tagħrif fuq l-skeda u messaġġ dwar l-skart go kull triq.
3. kampanja edukattiva dwar l-skart u fuljetti ġodda
4. tiżdied l-skeda tal-knis b aktar ġranet
5. Jiġi kunsidrat u Jibda ssir ħasil fit-toroq kull numru ta' ġimghat jew xhur.
6. Laqgħat mas-sidien ta'stabbilimenti go diversi zoni kummerċjali b skop ta' organizzazzjoni tal-ambjent madwarhom
7. Skema ta' investiment fis- sena mill- komunità kummerċjali għall-aktar bins biex inaqqsu l-skart mormi mill-attività tagħhom
8. Fejn hemm bżonn Jinbidlu u jiżdiedu l-bins
9. Fejn hemm bżonn Jinbidlu u jiżdiedu id-dog bins
10. Bins fil- ġonna li jistgħu jiġu wżati anke għar-reklamar inkluż dawk diġitali u jaħdmu bid-dawl
11. Jiġu introdott trasport għall-komunità bejn is-Swatar u l-Imsida
12. Jiġi introdott servizz ieħor ta' Trasport fil-lokalita'. / kunsill
13. Jinstab maħżen / work shop għal- xogħol tal-kunsill.

14. Tikber il-binja tal-kunsill għall-bżonnijiet tal-lum bil-ħsieb ta'servizzi ġodda li għad jiġu introdotti
15. intejbu u nżidu sistemi għass-sigurtà ta’ nies li jagħmlu użu mill- binja tal- kunsill.
16. Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-Bankini ,bollards, tabelli u oħrajn
17. Fejn hemm bżonn jiżdiedu miżuri għall aktar sigurtà fit-toroq
18. Rampi tal- bankini u fejn possibbli il-bankini ikunu aċċessibbli.
19. Programm biex ssiru il-marki ta'toroq darbtejn fis-sena, ssir sejħa għall-tender biex dan ikun jista’ ssir
20. Programm ta’ manutenzjoni għal- funtani , monument u siti oħra li jistgħu ssiru minn skemi
21. Ftehim għal-numru ta'snin sabiex nirranġaw il-funtani kollha u ssir manutenzjoni regolari fuqhom.
22. Introduzzjoni ta' Funtani ta' taħt l-art fejn jistgħu ssiru.
23. Xogħol ta' tisbieħ li l-kunsill jista’ jikseb permezz ta'xogħol min ħaddiema ta'entitajiet oħra
24. Naraw ukoll li jitwettaq il - proġett tal-fly over u Il-latrina pubblika tiġi mmodernizzata.
25. Aktar konsultazzjoni u naraw li ssir ix- xogħol tal- promenade go Xatt ta'Xbiex.
26. Embelisment ta' Ġnien Victor Denaro
27. Embelisment fi Triq Dun Kalcidon Schembri
28. Issir xogħol go Sqaq Clarence
29. Aktar aċċess fil-bandli u il-ġonna għal- nies b bżonnijiet speċjali
30. Tisbiħ ta'zona madwar fejn ġejja il-fly over b'aktar faċilitajiet.
31. Proġett li jmur mal-afforestazzjoni tas-Swatar
32. Jiżdied id-dawl fil pjazza u ħdejn il-Junior College
33. Ħidma biex jinġabu aktar fondi biex jinbidel id-dawl fejn hemm bżonn
34. Bike stands mal-lokalita.
35. Ingaġġ ta’ Contracts manager.
36. Naraw mal- WSC sabiex jitlesta ix xogħol ta' drenaġġ fi Triq il-Wied u Xatt ta' Xbiex.

37. Jiġi ntrodott taħt skema governattiva programm ta'newtering u microchip għal- qtates.
38. Jiġu identifikati numru ta'zoni fejn jistgħu ssiru dog parks
39. Jiġu identifikati numru ta'zoni fejn jistgħu ssiru cat cafe
40. Jitwaqqaf Kunsill ta'Zghazagh
41. Jitwaqqaf Kunsill ta'tfal
42. Proġetti amalgamati ma' Systems of Knowledge.
43. Servizz ta' leżjonijiet lit-tfal
44. Żjarat kulturali għar-residenti
45. Parteċipazzjoni kulturali
46. Aktar parteċipazzjoni għall-inizjattivi ta' Long life learnining
47. Introduzzjoni ta' apparat viżiv għall użu tal-librerija.
48. Faċilitajiet għall self jew użu ta kotba mal-lokalita (Out door Library).
49. Sehem f' skemi li jistgħu jiġu introdotti min żmien għal- ieħor.
50. Aktar reklamar /Promozzjoni għall- inizjattivi ta' tagħlim għan- nies adulti jew b'bżonnijiet speċjali inkluż tfal.
51. Aktar koordinazzjoni mac- Ċentru Leap u FSWS.
52. Issir ħidma mill-kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu night shelter go l-Imsida.
53. Issir ħidma mill-kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu u jamministraw Fond Bank go l-Imsida.
54. Kids Corner fil- kunsill.
55. kotba tat-tpinġija għat- tfal b'tema ambjentali jew Misidjani
56. jiġu mġedda jew mibdula il-bye laws eżistenti biex jirriflettu il-bżonn tal-lum u introdotti oħrajn fosthom fuq użu ta' alkoħol fit-toroq tal-lokalita.
57. Fil-qafas ta'( SL.65.13 ),Jiġi studjat fuq livell Reġjonali jew lokali l-possibilità biex jiġi ntrodott servizz ta'towing għal- vetturi li jinsabu fit-toroq b'mod illegali

58. Laqgħa annwali ta’ konsultazzjoni bil-għan li ssir kalendarju annwali tal-attivitajiet tagħhom flimkien ma’ dawk tal-kunsill
59. Clean up day u għoti ta-demm fil- kalendarju tal-komunità lokali
60. Kompetizzjoni għall-isbaħ Roof Gardens u Front Gardens
61. Ġonna għall- komunità bi-skop li jieħdu ħsiebhom ir-residenti.
62. Ġurnata bla karozzi u ssir attività sportiva.
63. Attivitajiet kull xahar għall- anzjani
64. li ssir Għaqda tan-nanniet
65. Attività ta'ċelebrazzjoni għall- anzjani li jkunu twieldu matul ix-xahar u kartolina.
66. Attività speċjali god-dar tal-Anzjani
67. ikla tal- Milied għall- anzjani weħidhom
68. Kunċert mużikali għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira
69. Attività għall żmien il-Milied
70. Esibizzjonijiet ta’ talenti u delizzji
71. Laqgħat mal-komunitajiet u attivitajiet
72. Attività kalendarju għad-tberik tal-annimali u dimostrazzjoni bil-klieb tal-pulizija
73. Attivitajiet sajf fil-pjazza
74. Attività għall- Karnival go l-Imsida
75. Esebizzjoni fil- pjazza għal- żmien il- Ġimgħa il-kbira
76. Attivitajiet sportivi u fiżiċi fil-pjazza
77. Aktar użu kreattivi mill pjazza.
78. Skema ta'investiment ta'100 euro fis-sena mill-komunità kummerċjali għall- aktar tiżjin tal-Milied fit-toroq.
79. Biex jissewwa id-dawl tal-milied eżistenti li għandu il-kunsill u jiżdied.
80. Programm ta’proġetti biex ssir tiżjin għal- milied minn materjal riċiklat.
81. Tfassil u tqassim tal-Kalendarju tas-sena.

Wara l-konklużjoni ta' din il-laqgħa pubblika dawn il-proposti għal- pjan ta' ħidma se jiġu mfassla aktar fid-dettal mill- kunsilliera responsabbli fil-qasam tagħhom flimkien mal-amministrazzjoni u s-Sindku biex jiġu ppreżentati u kunsidrati mill-kumitat finanzjarju. Wara ssir rakkomandazzjoni lil kunsill għall-diskussjoni u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni matul din il-leġislatura.